MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Numru. 1356/2007

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Duncan Delia, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ frar, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-20 ta’ mejju, 2007 għal ħabta tas-6.15 p.m. waqt li kien fil-post magħruf bħala Assoċjazzjoni Sport Muturi li jinsab ġewwa Ta’ Qali -
1. kiser l-ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u storbju u ġlied;
2. ħebb għal persuna ta’ Johan pace billi xejjirlu daqqa ta’ ponn u b’hekk ikkaġunalu ġrieħi ta’ natura ħafifa;
3. talli fl-istess data, ħin u lok ikkaġuna ħsara fin-nuċċali tal-vista u f’two-way radio Motorola għad-dannu ta’ l-istess Johan Pace.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija Minbarra l-piena li hi jidrilha xierqa tapplika s-soliti proċeduri ta' garanzija u dan għas-sigurta' ta' l-istess Johan Pace.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' frar, 2008 fejn 'seduta stante' l-imputat ħallas 547 euro lill-parte ċivile u ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 221(1), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------